MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2013

Numru. 708/2010

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR KEVIN FARRUGIA**

**KONTRA**

**LYDON XERRI, iben Carmel u Mary Aquilina, imwieled Zabbar nhar it-8 ta' Dicembru, 1993, residenti fil-fond Josef, Triq Vianni, Sliema, detentur tal-karta tal-identita' numru 007294M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Lydon Xerri** li gie akkuzat talli:

1. Nhar it-2 ta' April, 2010, ghall-habta ta' 23.30hrs, gewwa Triq Bacillier, Naxxar, u f'inhawi ohra f'Malta, bil-hsieb li jisraq erba' roti tal-vettura tal-marka Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni FAP234 ghad-dannu ta' Daniel

Micallef Borg, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu, liema serq huwa aggravat bil-mezz, valur ta' izjed minn €232.94, bil-mezz, bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, meta kien gie misjub hati ta' reat, u kien gie mehlus b'kundizzjoni ghal zmien sentejn mid-data tas-sentenza tas-6 ta' Marzu, 2010, moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, Mag l-Onor Dr J Padovani Grima LL.D.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, dwar liema l-imputat iddikkjara li ma kellux oggezzjoni.

Semghet ix-xhieda prodotta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi wara li rat l-Artikoli 7, 21, u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta; u kif ukoll l-Artikoili 261, 263, 278, 279, u 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi **<u>Lydon Xerri</u>** hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu, u qieghda tikkundannah ghal multa ta' €232.94 pagabbli f'rati mensili ta' €50 b'dan illi l-ahhar pagament dovut ikun fl-ammont ta' €82.94, u dan wara li rat l-Artikolu 14 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Qieghda wkoll, wara li rat l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, terga' tqieghdu taht  taht Ordni ta' Probation ghal zmien 3 snin, u dan tenut kont anke tal-eta' tal-imputat fi zmien tar-reat, b'dan illi qieghda tahtar ghal dan l-iskop lill-Ufficjal tal-Probation Joanna Farrugia;
Lydon Xerri ghandu jobdi kull direzzjoni lilu moghtija mill-istess Ufficjal tal-Probation f'kull hin.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------